

DEĊIŻONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Ġunju 2009

li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness għad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjonijiet għall-applikazzjoni taċ-ċomb bħala impurità fprotaturi Faraday RIG li jintużaw f'sistemi ta' komunikazzjoni tal-fibra ottika

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4165)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/428/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju [perikolużi] fit-tagħmir elettriku u elettroniku (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(c) tagħha,

Billi;

- (1) Id-Direttiva 2002/95/KE tesiġi li l-Kummissjoni tirrevedi l-eżenzjoni ta' ċerti materjali u komponenti ta' tagħmir elettriku u elettroniku mill-Artikolu 4(1) ta' dik id-Direttiva.
- (2) Il-valutazzjoni teknika u xjentifika meh tiegħi twettqet, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rottaturi Faraday RIG (rare earth iron garnet) li jħarsu l-valuri massimi ta' konċentrazzjoni stabbiliti bid-Direttiva 2002/95/KE huma attwalment disponibbli u li l-eżenzjoni mogħiġja f'dan ir-rigward għandha tiġi rriveduta.
- (3) Għalhekk id-Direttiva 2002/95/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (4) Skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2002/95/KE, il-Kummissjoni kkonsultat il-partijiet rilevanti. Waqt il-konsultazzjoni ssemmiet il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-produt-turi jingħataw żmien suffiċċenti għall-kwalifika xierqa tar-rottaturi RIG Faraday bir-restrizzjoni taċ-ċomb kif stipulat bid-Direttiva 2002/95/KE. Għalhekk għandu jiġi żgurat li ma jkunx hemm il-possibbiltà li l-impatti fuq is-saħħa

jew is-sikurezza tal-konsumatur ikkawżati bis-sostituzzjoni jgħelbu l-benefiċċji tas-sostituzzjoni għall-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur, b'mod partikolari f'tagħmir rilevanti għas-sikurezza pereżempju s-sistemi ta' komunikazzjoni.

- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Direttiva 2002/95/KE huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni*

^(¹) ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19.

^(²) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

ANNESS

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2002/95/KE, il-punt 22 għandu jinbidel b'dan li ġej:

- "22. Iċ-ċomb bħala impurità frotaturi Faraday RIG (rare earth iron garnet) li jintużaw għal sistemi ta' komunikazzjoni tal-fibra ottika sal-31 ta' Diċembru 2009."
-